Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 tas-Seba’ Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 22 ta’ Novembru 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| Skużati | Is-Sur Kearon Bruno<br>Is-Sur Eric Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Bandli
5. Inawgurazzjoni tar-Restawr tan-Niċċa Sant’ Andrija
6. Kuntratt Skema CIES
7. Approvazzjoni ta’ Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet kif konna bqajna fuq il-bus shelters. Is-Sindku irrefera għall laqgħa li kellu m' uffiċċjali tat-Transport Malta fejn kien hemm ukoll preżenti s-Sur. Kevin Zahra u appellalu fuq il-bus shelters, fejn dan semmielu li qed isiru l-preparazzjonijiet tat-tender u qabel Ġunju tas-sena d-dieħla m' hemmx possibilta li dawn isiru. Is-Sindku semma wkoll li lis-Sur. Zahra semmielu li dan l-item kien anki ressqu fil-laqgħa tal-kabinett.

2.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq it-traffic management kif konna bqajna. Huwa semma wkoll li kien kellem lill-wieħed Pulizija bil-proposta tal-Iskola u dan kienet għoġbitu. Huwa semma li l-Pulizija kien qed imur tard biex jagħlaq it-triq tal-Iskola. Is-Sindku qallu biex inkellmu lill-Ispettur fuq dan l-item.

2.3 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa nistgħux niċċekkjaw għall xi barriers tal-plastic ħfief biex ikunu jistgħu jitpoġġew fit-tarf ta' Triq Sant' Andrija meta jkun hemm it-Triq tal-Iskola magħluqa. Is-Sindku qal li nistgħu niċċekkjaw fuqha.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li qed ikun hemm problema tat-traffiku fi Triq Valletta bil-karozzi li jipparkjaw tal-ħaddiema u jaslu sa ftit qabel il-fabbrika tal-Andrews.

3.2 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri rreferiet għall posts li kien qed ikun hemm fuq il-paġna tal-Facebook Ħal Luqa-Luqin u l-mod kif qed jkunu indirizzatti lejn il-Kunsill b' mod arroganti. Hija semmiet li s-Segretarju kien appella biex ilmenti lill-Kunsill jkunu indirizzatti fuq il-paġna tal-Kunsill u dawn minflok komplew jużaw l-istess atteġjament.

3.3 Is-Sindku semma li huwa ukoll kien ra dawn l-ilmenti u kien jaf li dawk il-persuni li kienu qed itellgħuhom kellhom skopijiet ulterjuri anki marbuta ma' politika u mhux ġenwinament biex jressquhom il-Kunsill. Huwa appella lill-Kunsilliera biex jinfurmaw lill-dawk il-persuni li jkunu ressqu xi post biex dawn jagħmluh permezz tal-Facebook page tal-Kunsill.

3.4 Is-Sindku semma li s-Sinjorina Ingrid Borg issa kienet ilha għall bosta snin taħdem mal-Kunsill Lokali u huwa xieraq li din tkun promossa fi skala ogħla skont il-ftehim kollettiv. Huwa qal li kien iċċekkja mas-Segretarju kif inhi l-proċedura u l-iskala li jmiss. Dan kien infurmah li hija tista titla fi skala 11 u jrid ikun hemm sejħa interna ġol-Kunsill l-ewwel. Il-

Kunsilliera preżenti qablu unanimament li s-Sinjorina Borg għandha tingħata promozzjoni skont il-liġi Sussidjarja tal-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) u l-Ftehim Kollettiv.

3.5 Is-Sindku qara email fuq cultural expression of interest fost il-Kunsilli Lokali biex dawk interessat joħolqu itinerarju fil-lokalita għall persuni diplomatiċi.

3.6 Is-Sindku semma li konna applikajna fejn innominajna l-Kunsill Lokali stess lill-Maltese Olympic Committee u din in-nominazzjoni kienet milqugħa u stednuna għall press release u ċ-ċerimonja li kienet se ssir għar rebbieħa.

3.7 Is-Sindku qara stedina għall Happy Walk li kienet se ssir b' risq il-karita fejn kienu mistiedna anki l-Kunsilliera biex jipparteċipaw.

3.8 Is-Sindku ppreżenta email mill-ITS t' Għawdex biex jekk il-Kunsill ikun irid jorganizza ħarġa u l-ikel mingħandhom dawn se jkun qed joffru din l-option.

3.9 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien ġara fuq l-istreet lighting ta' Triq Dun Pawl. Is-Sindku qal li dan kien sewwieh il-kuntrattur imma kien reġa inqata. Huwa qal li kien ċempel lil Enemalta biex dan issewwuh urġenti peress li l-ilment li kien mgħoddi mis-sistema tal-customer care ma kienx waslilhom.

3.10 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet fuq il-gates tal-Bandli peress li ma kinux hemm. Is-Segretarju semma li dawn kellhom bżonn xi tiswijiet u kien inqalgħu minħabba dir-raġuni imma issa reġgħu twaħħlu.

## 4.0 BANDLI

3.11 Is-Sindku qal li dwar il-Bandli, l-Ministru għadu ma tax data meta huwa jkun disponibbli sabiex ikun inawwgurat.

3.12 Is-Sindku qara email li waslet minn naħa tad-Dipartiment biex tinforma lill-Kunsill li ġie mgħoddi depożitu ta' madwar € 48,000 bħala ħlas fuq il-proġett tal-Bandli ta' Ħal Luqa. Is-Sindku semma li huwa kien diġa kellem lill-Ministru fuq dan il-proġett u qallu biex jipprepara l-affarijiet relatatti mal-pagamenti biex ikun jista jgħaddi l-bqija tal-flus.

## 5.0 INAWGURAZZJONI TAR-RESTAWR TAN-NIĊĊA TA' SANT' ANDRIJA

5.1 Is-Sindku semma li hemm il-pjan li din l-inawgurazzjoni issir fil-festa tal-Kunċizzjoni biex anki jkun jista jattendi l-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo.

5.2 Il-Kunsillier Caruana semma li quddiem in-Niċċa jistgħu jitwalu d-double lines sofor biex minn ikun ħiereġ minn Sqaq il-Karmnu jkollu biżżejjed spazju minn fejn jista jdur. Huwa qal li hawnhekk jistgħu jsiru tabelli tan-No Stopping u tow zone biex il-karozzi ma jipparkjawx b' mod li joħolqu problema għall minn ikun qed isuq minn hawn.

## 6.0 KUNTRATT SKEMA CIES

6.1 Is-Sindku semma li kien hemm komunikazzjoni minn naħa tad-Dipartiment rigward l-iskema tas-CIES fejn kien hemm is-Sur. Malcolm Muscat li kien ġie impjegat mal-Kunsill Lokali taħt din l-iskema fejn dawn infurmawna li issa jista jerġa jiġġedded dan il-kuntratt. Huwa qal li filkaż tas-Sur. Muscat issa se jagħlaq 4 snin u nistgħu nagħmlu talba biex fl-istess ħin issa huwa jsir tal-post. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li għandu jerġa jiġġeded il-kuntratt u nitolbu biex is-Sur. Muscat issir tal-post.

## 7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

7.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien jikkonsisti s-service tal-vann peress li dan kien għadu mhux qed jistartja tajjeb. Is-Segretarju qallu li għandu l-invoice tiegħu. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex filkaż il-ħaddiema jeħdulu l-vann.

7.2 Il-Kunsillier Caruana semma li dan il-vann kien ta' ħafna servizz lill-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li nistgħu nibdew nippjanaw biex ikollna vann ġdid u naraw kif nistgħu nagħmlu part exchange mal-vann l-antik. Huwa qal li bħala vann naraw anki li jkollu aktar seating biex jekk ikun hemm bżonn nipprovdu trasport lill-anzjani għad Daycentre.

7.3 Is-Sindku semma li fuq il-korsijiet li kienu qed isiru taz-Zumba s-Surmast appella lill-Kunsill Lokali li jrid jibda jkun hemm purtinar biex jiftaħ u jagħlaq l-Iskola dakinhar tal-korsijiet. Huwa qal li kif kienet ikalkulata anki wara li jitħallas il-purtinar xorta mhux ħa jkun hemm telf. Huwa qal li minn dawn il-flus li se jinġabru jingħataw parti minhom għal skop filantropiku.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2016 fis-6.30 pm. Kien hemm il-ġurnata tal-14 ta' Diċembru 2016 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2016.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |